**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

Illum, 29 ta' Lulju, 2024

Każ numru 5/2022 (SG)

Il-Pulizija

versus

Anas Alahmad

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjonijiet mressqa kontra Anas Alahmad, ta' 25 sena, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru: 117663A li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

F'dawn il-Gżejjer, nhar il-5 ta' Awwissu, 2021 għal ħabta ta' bejn id-21:30hrs u 21:50hrs, fi Triq ir-Rabat u/jew Triq il-Kaptan Frank Debono, ġewwa Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fil-viċinanzi f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mohammad Darwesh K.I. 122502A, skont kif iċċertifika Dr. Joseph Vella MD mill-iSptar Generali t'Għawdex, u dan bi ksur tal-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil Mohamad Darwish K.I. 103938A, akkuża lil imsemmija persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innoċenti, u dan bi ksur tal-artikolu 101(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'qerq ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat, u dan bi ksur tal-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq it-traċċi ta' reat b'mod li setgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jażguraw li dak ir-reat kien sar, u dan bi ksur tal-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. U aktar talli volobtarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta'ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża, jew għaż-żamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mall-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħatja b'obbligazzjoni tagħhom nnifishom taħt penali ta'somma ta'flus, u dan ai termini tal-artikolu 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra Anas Alahmad fil-konfront ta' Mohammad Darwesh u Mohamad Darwish, ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba, meta tikkundanna lill-ħati għad-delitt msemmi, jekk issib ħtija, apparti kull piena applikabbli għal dak ir-reat, tapplika ukoll espressament il-piena tal-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħati jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u bħala perit, f'kull każ li jkun, ai termini tal-artikolu 109(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Rat** li din il-kawza ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

**Rat** id-dokumenti kollha ppreżentati;

**Semgħet** il-provi;

**Rat** l-artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali;

**Rat** li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li din il-kawża tigi trattata bi proċedura sommarja;

**Semgħet** trattazzjoni finali;

**Rat** l-atti kollha ta' din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti fliet il-provi miġbura.

**Dr Joseph Grech in rappreżentanza ta' Epic Limited** esibixxa l-calls kollha li saru matul il-ġurnata tal-5 ta' Awissu 2021 min-numru 35699179546 li huwa numru registrat fuq Anas Alahmad.Spjega li dawn ikunu biss logs ta' telefonati u sms iżda ma jkunx hemm il-kontenut ta' din it-telefonata jew sms.

**Sammy Camilleri in rappreżentanza ta' Melita Limited** spjega li r-registered owners tan-numri 99802152 u 99342536 huwa Mohammed Darwish ID 103938A u Mohammed Darwesh ID 122502A. Ikkonferma li l-lista li qed jippreżenta tagħti rendikont ta' telefonati u sms iżda mhux tal-kontenut tagħhom.

Xehed **PS 664 Jason Xerri** li spjega li fil-5 ta' Awwissu 2021 għall-ħabta tal-9:50pm il-pulizija rċeviet telefonata li kien hemm argument fi Triq ir-Rabat, kantuniera ma' Triq Frank Debono Marsalforn. Spjega li huwa niżel fuq il-post u kellem lil Anas Alahmad u lil Ali Tabib Yousef li stqarrew li kienu għadhom kemm ħabtu għalihom erba' (4) Sirjani. Spjega li Alahmad kien qallu li Mohammed Darwish kien ħadlu envelop kontenenti erbat elef mija u ħamsin ewro (€4,150) minn ġol-vann. Sostna li Alahmad kien qallu li flimkien ma' Mohammed Darwesh kien hemm Mohammed Darwish. Sostna li Alahmad kien spjegalu li Darwesh kellu ħadida f'idu u li l-envelop li ha kien għaddieh lil Mohammed Darwish. Spjega li Alahmad kellu daqqa kbira ġo għajnu u daqqiet f'sidru u infatti ġiet ambulanza li ħaditu lejn l-isptar.

Spjega li Alahmad kien qallu li Mohammed Darwish (li jiġi kuġin ta' Mohammed Darwish) kellu sikkina u kien għamilhielu ma' għonqu u li kien hemm ċertu Mutasem u Ibrahim li bdew jiġġieldu magħhom ukoll. Alahmad kien spjega lil PS 664 li huwa kien ġie segwit mir-Rabat Għawdex meta kien qed jiġbed il-flus mill-BOV. Sostna li Mohammed Darwesh kien mar għamel rapport mal-pulizija u kien ukoll ġie ċċertifikat li qed isofri minn ġrieħi gravi. Sostna li Alahmad kien informah li dan l-incident inħoloq fuq xi xoghol ta' kisi u rċevuti nieqsa. Spjega li Alahmad kien qallu li xi ġranet qabel, Darwesh kien prova jtajjru bil-van.

**L-Ispettur Josef Gauci** xehed li huwa ġie infurmat mis-Surġent 664 fil-5 ta' Awwissu 2021 għall-ħabta tal-ghaxra ta' filgħaxija li seħħ argument f'Marsalforn li fih kienu involuti Anas Alahmad, Mohammad Darwesh u Mohammad Darwish. Spjega li Alahmad allega li kien insteraqlu envelop li kellu madwar erbat elef ewro (€4,000) u erbat elef u ħames mitt ewro (€4,500). Spjega li Alahmad kien ġie ċċertifikat li sofra ġrieħi ħfief. Spjega li huwa kien ha l-istqarrija ta' Mohammad Darwesh u anke ġew elevati xi filmati. Sostna li Alahmad u Mohammad Darwish ġew ukoll investigati. Spjega li l-Darwesh kellu ġrieħi gravi. Spjega li kien ġie mitkellem Al Tabib Yousef li kien sostna li Darwish ma kienx preżenti iżda li Darwesh kien involut f'dan l-argument.

In kontroeżami, huwa sostna li l-footage li esibixxa ma jurix il-ġlieda iżda kulma jidhru Darwesh u żewġ persuni għaddejjin jimxu qabel il-ġlieda u wara l-ġlieda. Spjega li Alahmad allega li Darwish għamillu sikkina m'għonqu u li Darwesh ħa l-envelope tal-flus u għaddieh lil Darwish. Iżda ma ttieħdux passi kontra Darwish peress li Al Tabib sostna li Darwish ma kienx preżenti. Ikkonferma li l-verżjoni mogħtija minn Alahmad u l-verżjoni mogħtija minn Al Tabib ma qablitx fis-sens li Alahmad qal li Darwish (il-kuġin ta' Darwesh) kien preżenti waqt l-inċident mentri Al Tabib ċaħad li Darwish kien preżenti.

**Fl-istqarrija** rilaxxata mill-imputat wara li huwa ngħata d-drittijiet legali tiegħu u għażel li ma jeżerċitahomx, l-imputat sostna li huwa kuntrattur tal-bini u li huwa jgħix mar-raġel ta' oħtu li jismu Ibrahim. Spjega li ilu jgħix Ghawdex sena u nofs. Spjega li huwa qabbad lil Mohammed Darwesh u lil kuġinuh Mohammed Darwish sabiex jagħmlu xogħol ta' kisi. Qal li ħallashom ħamsa u għoxrin ewl ewro (€25,000) fi flus kontanti u mbaghad talabhom il-VAT receipts iżda dawn irrifjutaw li joħorġu tali rċevuti. Spjega li kien għalhekk li kellu jwaqqafhom mix-xogħol. Spjega li Darwish ċempel lill-klijenti tiegħu biex jagħmillu l-ħsara u kull meta jkun qed isuq, Darwish u Darwesh isuqu qrib tiegħu u jippruvaw jiġġieldu miegħu. Spjega li Darwesh isuq bla liċenzja Spjega li l-ġimgha l-oħra kellem lil PS 715 għaliex ipprova jagħmel rapport dwar l-irċevuti tal-VAT u minħabba li qed jiġi ffasstidjat minnhom. Spjega li s-Surġent qallu li jrid imur għand id-Dipartiment tal-VAT u ġie infurmat li dawn l-individwi għandhom każ ieħor fuq serq ta' forklifter.

Kompla jgħid li lbierah kien fl-ATM tal-BOV fir-Rabat, Għawdex għal xi 9:30pm jew 9:45pm u meta daħal fil-vann biex isuq, ra lil Mohammed Darwish b'Kia Sportage WRD 777 mal-mara tiegħu. Spjega li dan dawwar u beda jsuq warajh sa Marsalforn. Beda jixgħellu l-*bright* iżda huwa kompla jsuq. Spjega li kif wasal Marsalforn, waqaf ikellem lil Ali Tabib u Darwish qagħad faċċata tat-triq bil-mobile f'idejh ma' widnejh. Spjega li ftit minuti wara, ġew tliet (3) Sirjani fosthom il-kuġin ta' Darwish u ċjoè Mohammed Darwesh. Spjega li nbeda battibekk. Mohammed Darweh beda jagħtih. Sostna li Mutasem li kien persuna oħra preżenti wkoll beda jagħtih id-daqqiet. Qal li ra sikkina m'għonqu u li din kienet fil-pussess ta' Darwish. Kompla jgħid li Darwesh kellu kanna żgħira tal-ħadid u ċrieket tal-ħadid li jintużaw għal ġlied. Qal li Darwesh laqtu bihom. Sostna li Darwish kien daħħal idejh ġol-vann tiegħu u ħa l-envelope bil-flus. Sostna li huwa kulma għamel għatta wiċċu biex jiddefendi lilu nnifsu. Ċaħad li huwa kisser idejn xi ħadd. Spjega li huwa kien mar l-isptar. Insista li huwa ma mess lil ħadd.

**Dr Joseph Vella** xehed li huwa eżamina lil Mohammed Darweesh fis-6 ta' Awwissu 2021 u dan kellu ksur fl-għadma ta' idu. Huwa ċċertifika l-ġrieħi bħala gravi.

**Dr Syed Aqeel Mehdi** xehed dwar il-ġrieħi li kellu fuqu Alahmad li ġie eżaminat minnu fil-5 ta' Awwissu 2021. Ikkonferma li l-ġrieħi kienu hfief.

**PS 1040 John Grima** spjega li huwa kien ġie mgħoddi mandat ta' arrest fir-rigward ta' Mohammed Darwish u mar biex jeżegwih. Spjega li huwa kien ta d-drittijiet legali lil Darwish. Sostna li fuqu kellu riċevuta li ġibed mill-BOV ta' Marsalforn ħames ewro (€500) fit-2 ta' Awwissu 2021.

**Mohammed Darwish** spjega li huwa kien qed jitlob il-flus lill-imputat għaliex kien għamillu xi xogħol u baqa' bla ħlas. Qal li kuġinuh Darwesh kien avviċina lill-imputat u staqsieh għall-flus bil-konsegwenza li bdew jiġġieldu. Spjega li dan ġara f'Marsalforn. Sostna iżda li huwa ma kienx hemmhekk. Sostna li waqt il-ġlieda huwa kien f'Marsalforn jiehu kafè ma' Saddam bin Halef. Caħad li huwa għamel xi sikkina ma' għonq l-imputat jew li seraqlu xi flus. Sosnta li l-imputat gideb fuqu mal-pulizija. Huwa sostna li dan l-inċident li seħħ u li huwa allegatament ma kienx preżenti għalih seħħ fis-6 ta' Awwissu. Mistoqsi mill-qorti jekk fil-5 ta' Awwissu huwa kienx Marsalforn u ltaqax mal-imputat, huwa qal li kien Marsalforn iżda ma ltaqax mal-imputat.

In kontroeżami, huwa xehed li ma rax lill-imputat fejn l-ATM tal-BOV. Caħad li huwa segwa lill-imputat bil-karozza.

**PS 342 Johan Said** spjega li huwa kien ġabar xi filmati minn CCTVs.

**Sadam Alhalaf** xehed li huwa kkonferma li kien ġie mitkellem mill-pulizija u kienu staqsewh jekk kienx iltaqa' ma' Darwish. Spjega li huwa kien ikkonferma. Sostna li huwa ma ra l-ebda inċident, iżda Darwesh kien ġie fejnhom u kien qalilhom li sejjer jagħmel rapport mal-pulizija.

**PC 1155 Nicholas Gatt** spjega li huwa Eleva footages tal-cameras u ha stills minnhom. Spjega li dawn gew mgħoddija lil Spettur tal-pulizija.

**Dottor Sharon Calleja** kkonfermat il-kwerela esibita in atti.

**Dottor Daniel Calleja** xehed u pprezenta traduzzjoni tax-xhieda moghtija fit-28 ta' April 2022 bil-lingwa Ingliza għal dik Maltija.

**Dr Edward Cherubino** spjega li huwa eżamina lil Mohammed Darwesh u li rriżulta li dan kellu ġrieħi gravi imma mhux permanenti. Spjega li għandu s-saħħa kollha f'idejh ix-xellugia u ma għandhu l-ebda ġrieħi permanenti mill-ġlieda li kellu. Ġew iċċertifikati bħala gravi peress li l-ġrieħi kienu jikkonsistu fi ksur ta' idejn.

**Ilona Masini** xehdet li l-aħħar indirizz ta' Anas Alahmad huwa Compass West Block, Triq F. Assenza, Swieqi.

**Jonathan Mizzi** esibixxa r-rapport tiegħu u kkonfermah bil-ġurament tiegħu.

**Yousef Al Tabib** xehed fi proceduri li kienu jirrigwardaw dan l-istess inċident u b'digriet ta' din il-qorti, vera kopja ta' din ix-xhieda ġiet inserita wkoll f' dawn il-proċeduri odjerni. Dan ix-xhud xehed li ċempillu Alahmad u qallu li kien hemm karozza qed issegwih. Spjega li huwa mar fejn Alahmad u dan tah mija u ħamsin ewro (€150) bħala ħlas għaliex daqshekk kellu flus. Spjega li mbagħad ġew tliet (3) persuni iżda ma jafx x'jisimhom. Qal li jagħraf lil Mohammad Darwesh bħala wieħed minn dawn il-persuni. Qal li huwa kien riekeb fil-karozza. Sostna li dawn it-tliet (3) persuni bdew ikellmuh fuq flus u Alahmad ċempel lill-pulizija. Qal li kif kien qed jagħlaq il-mobile, il-konverżazzjoni saret iktar aggressiva. Sostna li Darwesh ipprova jieħu ċ-ċwievet tal-karozza. Qal li huwa niżel mill-karozza biex jipprova jferraqhom. Sostna li Alahmad baqa' ġol-karozza u li tnejn kienu qed jattakkawh. Ikkonferma li wieħed minn dawn il-persuni kien Darwesh. Spjega li huwa ra lil dawn il-persuni jsawtu lil Alahmad. Huwa sostna li kien billejl u huwa ma nnutax li dawn il-persuni kellhom xi ħaġa f' idejhom. Sostna li dawn iż-żewġ

persuni kienu qed jippruvaw jieħdu l-mobile u ċ-ċwievet lil Alahmad. Sostna li huwa pprova jifridhom iżda ma rnexxilux u ma riedx jibqa' fil-problema.

Sostna li huwa ma laħaqx induna jekk kienx hemm xi ħaġa fuq id-dashboard. Qal li huwa dam biss żewġ minuti fil-karozza. Spjega li l-flus li kien tah Alahmad kienu f'idejn l-istess Alahmad. Sostna li dawn il-flus kienu taħt saqajn Alahmad jew qrib il-but ta' Alahmad.

In kontroezami, huwa spjega li dakinhar tal-incident, il-kuġin tal-imputat u ċjoè Mohammad Darwish ma kienx preżenti.

**Saviour Farrugia in rappreżentanza ta' Transport Malta** xehed li l-vettura bin-numru HAW 672 hija reġistratata fuq Mohammed Darwes u ilha hekk reġistrata fuqu mill-1 ta' Marzu 2019.

**Mohammed Darwesh** xehed quddiem din il-Qorti li huwa ma għadx għandu l-ebda interess f'dan il-każ. Qal li huwa ma jixtieqx jixhed u lanqas ma jrid li din il-kawza tkompli.

**Ikkunsidrat**

Dwar **l-ewwel imputazzjoni**, u ċjoè għal dak li għandu x'jaqsam ma' ġrieħi allegatament ikkaġunati minnu fuq Mohammad Darwesh, din il-qorti hija sprovvista mill-aħjar prova dwarha. Infatti, l-allegat vittma għażel li ma jixhidx f' dawn il-proċeduri u insista li kieku jiddependi minnu, din il-kawza tieqaf tinstema'. Mill-banda l-oħra, l-imputat dejjem ċaħad li huwa kkaġuna xi ġrieħi lil Darwesh. Fiċ-ċirkostanzi, kull dubbju għandu jmur a favur tal-imputat u ġaladarba ma hemmx provi lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli, l-imputat sejjer jiġi liberat minn din l-ewwel imputazzjoni.

Dwar **it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet,** dawn jirrigwardaw lil Mohamad Darwish li quddiem din il-qorti xehed bl-iktar mod ċar li huwa kien qed jinsisti li mhuwa veru kien preżenti għal ġlieda li seħħet fis-6 ta' Awwissu 2021. Madanakollu, dan l-inċident seħħ allegatament fil-5 ta' Awwissu 2021 u għalhekk dan il-konflitt fix-xhieda tax-xhud ewlieni u ċjoè tax-xhud Mohamad Darwish, ma tistax twassal lil din il-Qorti li ssib lill-imputat hati ta' dawn it-tliet (3) imputazzjonijiet. Inoltre, anke x-xhieda Yusef Ali Talib u Sadam Alhalaf ma kinux jafu d-data meta seħħet din l-allegata ġlieda. Jingħadd ukoll li fil-filmati li ġew elevanti, l-uċuħ ma tantx huma ċari u lanqas ġew identifikati minn ħadd mix-xhieda prodotti matul is-smigħ ta' din il-kawża.

Kif intqal diversi drabi anke minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta, din il-Qorti ma tistax tibbaża ruħha fuq assunzjonijiet, iżda trid tagħti d-deċiżjoni tagħha b'serhan il-moħħ li tressqu dawk il-provi kollha neċessarji li jwasslu għal ħtija fl-imputat. Fin-nuqqas, kwalunkwe dubbju għandu jmur favur l-imputat. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra wkoll tillibera lill-imputat mit-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet.

Dwar **il-ħames imputazzjoni,** l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat kontravvenzjonali prospettat fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ċjoè l-ksur tal-bon ordni u l-paċi pubblika. Din il-kontravenzjoni taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik li fil-Liġi Ingliża hija 'a breach of public peace'. Dan ifisser li persuni oħra jkunu beżgħu għall-

inkolumità tagħhom waqt l-inċident. Fil-kawża Il-Pulizija vs Pio Galea mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997 deċiża fis-17 t'Ottubru 1997 fejn intqal li biex jissussisti dan ir-reat:

> «*irid ikun hemm, bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil jsehh, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita fizika ta' persuna kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*»

Illi rriżulta li dan l-inċident seħħ barra f'Marsalforn, u li kien hemm skambju kliem u argument li eskala. Dan jikkostitwixxi ksur ta' bon ordni u paċi pubblika kif hawn deskritt. Għaldaqstant l-imputat sejjer jinstab ħati ta' din ir-raba' imputazzjoni.

Fir-rigward ta' piena, din il-Qorti tqis li għandha twissi lill-imputat biex ma jerġax. Dwar l-ispejjeż tal-esperti maħtura, in vista li mhijiex qed issib ħtija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet, din il-Qorti mhijiex ser tordna li l-ispejjeż relattivi għal tali esperti jiġu sopportati mill-imputat.

**Decide**

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet filwaqt li wara li rat l-artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-ħames imputazzjoni u twissih biex ma jerġax.

**(ft.) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**